MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 102/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghidu ghaliex intom konvenuti jew min minnkom m'ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta' disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm982.40) liema ammont huwa dovut versu hlas ta' kera ta' scaffolding liema scaffolding gie lilek mikri f'Mejju 2004 u zzarma f'Ottubru 2004 bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-hamsa (5) ta' Novembru, elfejn u erbgha (2004) u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilek f'Novembru, elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga' intom ingunti"

Ra r-risposta li tghid hekk:

1. “Illi l-ftehim dwar il-kiri tal-scaffolding sar ma’ Robert Sare’ personalment u ghaldaqstant kemm il-kumpanija V.Sare’ & Sons Ltd. Kif ukoll George Sare’ ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess attur;

2. Illi l-ftehim bejn il-konvenut Robert Sare’ u l-attur kien li jikri l-iscaffolding ghall-prezz komplessiv ta’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1,500) mill-liema somma gia’ thallset akkont is-somma ta’ elf lira maltin (Lm1,000) permezz ta’ zewg pagamenti ta’ hames mitt lira maltin (Lm500) il-wiehed u kien fadal bilanc ta’ hames mitt lira maltin (Lm500) li l-attur irrifjuta li jaccetta a saldu peress li ppretenda l-hlas minnu pretis fit-talba;

3. Illi l-konvenut Robert Sare’ kien u ghadu lest li jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ hames mitt liri maltin (Lm500) skond il-ftehim li sar mieghu, u ghaldaqstant jekk jirrizulta lil dan it-Tribunal li dan huwa bilanc li realment huwa dovut lill-attur, l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu akkollati kollha lill-istess attur billi kien hu stess li rrifjuta li jaccetta dawn il-flus u ghazel li jaghmel il-kawza, liema spejjez saru inutilment u b’mod kappriccjuz;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi l-attur ghalkemm harrek lil Robert Sare, lil George Sare kif ukoll lil V Sare and Sons Limited, jirrizulta li huwa kkuntratta mal-kumpannija kif anke jirrizulta mill-invoice esibita a fol 17 tal-process. Robert u George, ahwa Sare huma effettivament semplicement impjegati mal-istess kumpannija. Ghalhekk Robert Sare u George Sare qeghdin jigu liberati mill-osservanza ta’ dan il-gudizzju.

Illi ghalkemm mhux specifikat fir-risposta, gie eccepit informalment li ghandu jkun hemm tnaqqis mill-kont billi s-socjeta’ eccipjenti ghamlet zmien ma tistax tuza l-iscaffolding ghax ma kienx konformi mar-regolamenti tal-

Health and Safety. Dan pero' sehh qabel ma giet iffirmata l-iskrittura datata 05/10/2004 fejn is-sitwazzjoni giet ikkristallizzata bhala li s-socjeta' konvenuta dakinhar kien fadlilha LM1,000 x'taghti lill-attur kif ukoll LM20 kuljum mis-6 t'Ottubru 'l quddiem. Minn dawn l-LM1,000, thallsu Lm500 u kien fadal jithallsu LM500 li s-socjeta eccipjenti dejjem offriet illi thallas izda l-attur irrifjuta ghax ippretenda l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba. Fil-fatt it-tieni pagament ta' Lm500 thallas fil-mori ta' din il-kawza (ara fol 22). Mill-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar 2005 (fol 22) jirrizulta wkoll li d-divergenza bejn il-partijiet tikkonsisti fl-ammont ta' jiem li jinghad li ntuza l-iscaffolding u mal-VAT li gie nkluz fil-kont. Dwar il-VAT, kull prezz li jinghata jitqies li jinkludi l-VAT purke' ma jigix indikat bl-iktar mod car li l-prezz ma jinkludix il-VAT – haga li l-attur ma ppruvax li ghamel. Dwar l-ammont ta' jiem, jirrizulta anke mill-ktieb tan-negozju tal-attur li l-iscaffolding effettivament dam disat ijiem. Ghalhekk jirrizulta li l-attur fadallu jiehu ta' disat ijiem bl-ghoxrin lira kuljum li jigu mija u tmenin lira (LM180).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' LM180. Spejjez tal-konvenuti Robert Sare u George Sare huma a kariku tal-attur; filwaqt li l-bqija tal-ispejjez jigu sopportati terz mill-attur u zewg terzi mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------